MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 185/2013

**Pasqualina sive Bessie Scicluna f'isimha proprju u ghan-nom ta' ohtha assenti Antonia Booty kif ukoll ghal kull interess li jista' jkollu Francis Scicluna**

**Vs**

**Dr Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Joelene Pace Ciscaldi bhala kuraturi nominati b'digriet tat-18 ta' Settembru 2013 sabiex jidhru ghall-assenti Michelle Wyles u Lorraine Rainsbeck bhala l-werrieta ta' missierhom Emanuel Anthony Agius**

Permezz ta' rikors prezentat fil-25 ta' Frar 2013, l-atturi ppremettew u talbu:-

*1. Illi l-konvenuti Michelle Wyles u Lorraine Rainsbeck jigu t-tfal ta' Emanuel Anthony Scicluna li miet gewwa l-Ingilterra nhar it-13 ta' April 2010 fejn kopja tac-certifikat tal-mewt tieghu qieghed jigi hawn anness bhala **dokument BS 1**;*

*2. Illi Emanuel Scicluna kien mizzewweg lil Valerie u kienu sseparaw fis-sebghinijiet;*

*3. Illi Emanuel Scicluna kien jigi hu l-atturi Pasqualina sive Bessie Scicluna u Antonia Booty;*

*4. Illi Francis Scicluna jigi r-ragel ta' l-attrici Pasqualina sive Bessie Scicluna;*

*5. Illi Pasqualina sive Bessie Scicluna ghandha l-prokura ta' ohtha kif jidher mill-anness prokura markat **dok BS 2**;*

*6. Illi fl-ahhar hames snin ta' hajtu Emanuel Anthony Scicluna kien ragel marid u kien mugugh, fejn huwa kellu bzonn kura regolari, u fejn it-tfal tieghu abbandunawh wara s-separazzjoni acerba bejnu u bejn il-mara tieghu li wasslet lit-tfal ma jkellmuhx aktar;*

*7. Illi Emmanuel Anthony Scicluna dejjem kien wieghed lill-ohtu Antonia Booty u lil Pasqualina sive Bessie Scicluna kumpens, ghax-xoghol kollu li ghamlu mieghu gewwa l-Ingilterra, inkluz li jiehdu hsieb l-affarijiet tieghu f'Malta;*

*8. Illi Francis Scicluna kien anki prokuratur kif huwa evidenti mill-kopja tal-prokura hawn annessa u mmarkata bhala **dokument BS 3**;*

*9. Illi Antonia Booty kienet tiehu hsieb lil Emmanuel Anthony Scicluna b'mod regolari fejn kienet issajjarlu, tahsillu, taghmillu l-facendi kollha u taghmillu dak kollu li kien hemm bzonn. Illi Bessie Scicluna da parti taghha kienet tiehu hsieb l-affarijiet minn hawn, ghall-istess huha Emmanuel Anthony Scicluna, fejn tant huwa hekk gabret is-somma ta' Euros 27,370 ghalih, u dan kif anki jidher mill-flus depozitati fil-kont bankarju tieghu 15104248025 mal-Bank of Valletta PLC li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness bhala **dok BS 4**;*

*10. Illi l-attrici Pasqualina sive Bessie Scicluna kif ukoll Francis Scicluna batew hafna sabiex jirrisolvu pendenza u kwistjoni li kellhom man-Nutar Pierre Falzon, fejn wara hafna laqghat u tbatija gabru l-flejjes ghall-istess Emmanuel Anthony Scicluna, u damu xi tlett snin sabiex jigbru l-flejjes ghall-istess Emmanuel Anthony Scicluna wara li kien sar kuntratt ghandu ghall-bejgh ta' propjeta' gewwa Zabbar mal-kumpanija NCR Developments Limited;*

*11. Illi Pasqualina sive Bessie Scicluna sa anki baghtet lit-tifel taghha Reuben Scicluna a spejjez taghha sabiex jghinu gewwa l-Ingilterra;*

*12. Illi huhom Emmanuel Anthony Scicluna dejjem wieghed lill-hutu li huwa kien ser jiehu hsiebhom, izda miet intestate;*

*13. Illi l-atturi jiddikjaraw li huma ma jafux fejn jghixu l-konvenuti ghax ilu nqata' kuntatt minn maghhom ghal diversi snin;*

*14. Illi Emmanuel Scicluna gie anki midfun hawn Malta fil-qabar tal-familja u l-atturi hadu hsieb kollox sabiex gabuh Malta, u dan ukoll kif jidher mill-ircevuta tal-funeral undertaker hawn anness u mmarkat bhala* ***dokument BS 5****;*

Għaldaqstant, l-atturi jitolbu għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara li l-atturi huma ntitolati ghall-hlas ta' servigi minnhom rezi lill-huhom Emmanuel Anthony Scicluna li miet fit-13 ta' April 2010;*

*2. Tiddikjara li l-istess konvenuti, bhala eredi ta' Emmanul Anthony Scicluna huma responsabbli lejn l-atturi u/jew min minnhom ghall-hlas ta' dawn is-servigi;*

*3. Tillikwida l-ammont dovut ghall-atturi u/jew min minnhom ghas-servigi minnhom rezi, kif fuq inghad.*

Fit-28 ta' Ottubru 2013 il-kuraturi pprezentaw twegiba fejn iddikjaraw li m'humiex edotti mill-fatti (fol. 69).

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti.

L-atturi qeghdin jitolbu hlas ta' servigi minghand il-werrieta ta' Emanuel Anthony Scicluna li miet fit-13 ta' April 2010 fl-Ingilterra. Scicluna kien residenti fl-Ingilterra. L-atturi Pasqualina Scicluna u Antonia Booth huma hut il-mejjet, filwaqt li l-konvenuti huma wliedu u werrieta tieghu. Skond ma gie dikjarat fir-rikors guramentat:-

i. L-attrici Booth qalet li s-servigi li tat lil huha kienu jikkonsistu f'tisjir, hasil ta' hwejjeg, u facendi fid-dar;
ii. L-attrici Scicluna kienet tiehu hsieb l-affarijiet ta' huha minn gewwa Malta. Qalet li kienet gabritlu s-somma ta' €27,370 li gew depozitati f'kont bankarju mal-Bank of Valletta plc.

Mill-provi rrizulta kif Emanuel Agius ma kellux relazzjoni tajba ma' wliedu. Skond ma qalet l-attrici Booth, matul l-ahhar tlett snin ta' hajtu, kienet ghenet lil huha Emanuel Agius. Fis-sena 2007 ma baqghetx tahdem u ghalhekk kellha l-hin li tmur tara lil huha li kellu marda kronika. Il-qorti kellha l-opportunita tisma' lil din l-attrici tixhed *viva voce* fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2014. Il-konkluzjoni tal-qorti hi li fl-ahhar tlett snin hajja ta' Emanuel Agius, din l-attrici tatu appogg. Irrizulta kif uliedu, il-konvenuti, ma riedux jafu b'missierhom. Jidher li fl-Ingilterra Emanuel Agius ma kellu lil hadd fuq min idur. Ghalhekk l-appogg u ghajnuna li tatu l-attrici Booth kienet ta' siwi ghalih. F'ittra legali datata 28 ta' Marzu 2011 li ntbaghatet ghan-nom tal-konvenuta Lorraine Rainsbeck, inghad hekk:

*"I can confirm your niece, Lorraine, has agreed for us to pay you the sum of £10,000 once we receive the proceeds of your brother's assets in Malta. This sum includes the additional expenses you have incurred, a list of which you handed to me on 3rd January 2011"* (fol. 127).

Il-konvenuta Lorraine Raisbeck xehedet li:

*"Antonia Booty demanded £10,000 from us, she stated that her children deserved money from our father's estate. Again at no point did she mention this was for care or the two claimants in Malta. We have 2 letters from Antonia that she wrote to the solicitor and at no point in the letters does she mention that the money was for care"* (fol. 117).

Pero' mill-ittra tat-28 ta' Marzu 2011 (fol. 127) hu evidenti li bejn Booty u l-avukat tal-konvenuti kien hemm korrispondenza. Fil-fatt fl-ewwel paragrafu tal-ittra jinghad:

*"I write further to previous correspondence **in connection with the request you made to the beneficiaries**".*

Il-konvenuti ma pprezentawx kopja tal-korrispondenza li ntbaghatet qabel l-ittra tat-28 ta' Marzu 2011, minn fejn hu evidenti li l-attrici Booty kienet ghamlet talba ghall-hlas. Fil-fehma tal-qorti jekk il-konvenuti riedu jaghtu prova li Booty qatt ma talbet hlas ta' kumpens ghal

dak li ghamlet ma' missierhom, kellhom jipprezentaw kopja ta' dik il-korrispondenza. Prova li ma ressqux. L-atturi m'humiex werrieta ta' huhom. Fuq bazi ta' probabilita' l-qorti temmen li l-pretensjoni tal-attrici Booty kienet minhabba s-servigi li pprestat lil huha u mhux ghaliex kienet qeghda ssostni li wliedha kien haqqhom sehem mill-flus tal-wirt ta' Emanuel Agius.

Fl-affidavit taghha Raisbeck qalet:

*"__**We granted**__ the £10,000 but only when the assets in Malta were freed"* (enfazi tal-qorti, fol. 118).

Kliem li lill-qorti jatiha x'tifhem li l-konvenuta l-ohra, Michelle Wyles, kienet tat il-kunsens taghha li ssir dik l-offerta. Fil-fatt fl-affidavit ma nnegatx dak li xehedet ohtha. Offerta li l-attrici Booty accettat (ara ittri a fol. 124 u 125 li pprezentaw il-konvenuti). Ghall-qorti dan ifisser li kien hemm ftehim. Ghaldaqstant, il-qorti tikkonkludi li l-ammont dovut lill-attrici Booty hi s-somma ta' £10,000, u cjoe' tlettax-il elf disa' mija u disghin ewro (€13,990)[1].

Ghal dak li jirrigwarda l-atturi l-ohra, dawn ighixu Malta. Ghalhekk ma jidhirx li fl-ahhar snin ta' hajtu kienu qeghdin jiehdu hsieb 'il bzonnijet ta' Emanuel Agius, li kien ighix l-Ingilterra. Pero' rrizulta li:

i. Bejn is-snin 1967-1973 u 1985-1987 kien ighix ghand il-konjugi Scicluna (ara affidavit tal-attrici Scicluna, fol. 74). Pero' m'hemmx prova li fis-snin ta' wara l-atturi Scicluna qatt talbu lil Emanuel Scicluna sabiex ihallashom. Ghall-qorti dan hu ndikattiv li l-konjugi Scicluna ma kienux qeghdin jaghtu wisq importanza ghal dan 'il fatt. Kieku kien mod iehor ma kienux ser jistennew sakemm imut biex iressqu l-pretensjoni.
ii. L-attur kien assista lil Emanuel Agius fir-rigward tal-gid li kellu f'Malta. Kien kultant zmien jaghti s-servizz tieghu sabiex flus li Agius kellu f'Malta, jintbaghatulu l-Ingilterra (fol. 79-81). Ghenu wkoll biex tinbiegh dar li kellu f'Malta. L-atturi kienu wkoll intervjenew biex gabru minghand in-nutar Dr Pierre Falzon is-sehem ta' Agius mill-prezz meta nbieghet art li kellu sehem fiha. Jidher li l-intervent taghhom kien kardinali sabiex ghan-nom tieghu rkupraw il-flus li eventwalment fit-22 ta' Marzu 2010 gew depozitati f'kont bankarju mal-Bank of Valletta plc. Is-somma kienet ta' €27,370.

[1] Rata tal-kambju €1 = £0.71476.

Wara li qieset dawn ic-cirkostanzi u wkoll il-patrimonju ta' Emanuel Agius ser tillikwida s-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) ghas-servigi. Il-qorti qieset ukoll 'il fatt li l-attrici hi oht id-decujus.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-atturi u tillikwida s-somma ta':**

i. **Tlettax-il elf disa' mija u disghin ewro (€13,990) dovuti lill-attrici Booty;**
ii. **Ghaxart elef ewro (€10,000) bhala l-ammont li hu dovut lill-atturi Scicluna.**

**Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammonti hekk likwidati, bl-imghax mil-lum.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti, b'dan li d-dritt tal-kuraturi ghandu provizorjament jithallas mill-atturi bi dritt li jirkuprawh minghand il-konvenuti.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------